Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,685, 10 ta' Diċembru, 2010

Taqsima B

A.L. 520 tal-2010

ATT DWAR IS-SAĦĦA MENTALI
(KAP. 262)

Ordni ta' l-2010 dwar Tismija ta' Post bħala Dar ta' Kura Mentali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 34 u 50 ta' l-Att dwar is-Saħħa Mentali, il-Ministru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità qiegħed b'dan jiddikjara is-sala San Ġużepp numru 7 tan-nisa, sala San Ġużepp numru 8 tal-irġiel, sala Ġwanni Pawlu II numru 1 tan-nisa u sala Ġwanni Pawlu II numru 2 tal-irġiel fir-Residenza San Vinċenz De Paule bħala dar ta' kura mentali għall-finijiet tat-tifsira fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 2 ta' l-Att dwar is-Saħħa Mentali, u li d-dispożizzjonijiet ta' l-istess Att għandhom ikunu *mutatis mutandis* japplikaw għal dawk is-swali.